# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tad-ghaxar laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 18 ta' April fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Helen Montebello<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghal-ghaxar laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti is-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Hatra

Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, tal-Kumitat Amministrattiv introduca u ferah lis-Sinjura Helen Montebello li giet eletta biex tiehu post is-Sinjura Ramona Montebello bhala l-membru l-gdid fil-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 9

Il-minuti ta-disa' laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.

Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sur Antoine Attard.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal li peress li ma kienx hemm risposta ghall-*e-mail* li s-segretarju kiteb lill-Onor. Mario Galea b'kopja lill-Onor. Joe Cassar u lill-Onor. Prim Ministru, huwa personali kellu jkellem lill-Ministeru tas-Sahha biex tittiehed decizjoni rigward dan il-progett. Il-membri qablu li s-segretarju ghandu jcempel lil Onor. Mario Galea biex isir appuntament.

4.2 Rigward il-post vakanti fil-Kumitat Amministrattiv ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li bhalma kullhadd jaf il-process elettorali tlesta u giet eletta s-Sinjura Helen Montebello li kienet prezenti.

4.3 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl s-segretarju qal hu kellem lill-foreman is-sur David Bonanno fejn dan gie moghti n-numru tat-telefon tas-sur Antoine Attard biex jiltaqghu u jispjegalu fejn qeghdin dawn l-arbli.

4.4 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa spjega li waqt laqgha tal-Kunsill ta' Santa Venera, li ghalija kemm hu kif ukoll is-sur Silvio Farrugia attendew, il-kunsill ipprova jwaqqa' decizjonijiet li kienu ttiehdu fil-passat rigward dan il-progett. B'xorti tajba din il-mozzjoni mghaddietx ghax ma kienx hemm quorum. Huwa kompla jghid li qed issir pressjoni biex il-pjan originali jibqa dak li kien u jibdew proceduri minnufih biex dan il-progett ikun jista jssehh.

4.5 Dwar it-tabelli tat-traffiku ta' hdejn l-iskola ta' Santa Monika s-segretarju qal li t-traffiku qed jindara. Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li huwa ghadu jircevi *complaints* minghand xi residenti specjalment hdejn l-ispizerija. Ghalhekk qed jissuggerrixi li t-tabelli jersqu iktar l-isfel. Is-segretarju rega' sostna li t-traffiku ghandu jibqa kif inhu sakemm jindara pero jara jekk dan jistax isir.

4.6 Dwar il-kwistjoni tal-Konica, c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li s-segretarju kellem lill-perit biex jiccekja x'inhi l-procedura tal-'PC application'. Is-segretarju qal li l-perit ghandu jgib 'Prescribed Form' biex tigi iffirmata minn dawk ir-residenti li qed jigu affettwati. Meta din isir l-alignment ta-triq tigi rrangata u ghalhekk it-triq tibqa kif inhi llum.

4.7 Dwar l-allokazzjoni tal-fondi ghall-Kumitati Amministrattivi gie mistieden biex jaghti spjegazzjoni l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Chris Vella. Hu qal li hemm problema dwar dan peress li d-dipartiment ghadu ma wasalx biex issib formula gusta ta kif isir il-factoring. Il-laqgha dwar dan mal-Ministeru giet posposta. Il-membri wrew il-preokkupazjoni ta' kif ghandhom jirrispondu dwar dan jekk jigu mistoqsija mill-publiku fil-laqgha annwali li ghanda ssir dalwaqt. F'dan l-istadju is-Sur Antoine Attard semma l-kwistjoni tal-

*boundaries.* Ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa qal li hu gie infurmat li bhalissa qed issir 'short listing'.

4.8 Rigward il-hsara li saret lill-akwadott wara habta b'vettura, s-segretarju qal li fl-ahhar irnexxielu jgib ir-rapport minghand il-Pulizija fejn juri d-dettalji kollha biex tkun tista ssir *claim* mal-kumpanija tal-assikurazjoni kkoncernata. Kopja ta' dan ir-rapport gie mghoti lis-sur Anthony Formosa kif kien miftiehem sabiex dan ikellem lill-kumpanija tal-assikurazzjoni huwa stess kif kien offra. Is-Sur Antoine Attard qal li *r-restoration unit* ghanda tigi mgharrfa b'dan sabiex isir survey halli tigi kkwantifikata l-hsara.

4.9 Rigward il-laqgha annwali is-segretarju spjega lis-Sur Antoine Attard li d-dipartiment kellu jaghmel laqgha biex jispjega l-allokazzjoni tal-fondi lill-kumitati amministrattivi. Ma jidhirx li d-decizzjoni ta' kif din sejra ssir tittiehed qabel l-laqgha li trid ssir mal-publiku li giet posposta ghal-Mejju.

4.10 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa rega' fakkar li huwa mportanti li jsiru laqghat bejn il-kumitat ta' Fleur-de-Lys u l-Kunsill ta' Santa Venera biex jinzamm kuntatt. Din kienet decizjoni unanima tal-kumitat.

4.11 Ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa qal li jixtieq li f'Mejju issir fiera tal-fjuri. Huwa qal li sar jaf li hemm programm jismu 'Sal-Misrah'. Dawn ghandhom slott f'Gunju u jekk ikun hemm qbil jista jsir programm 'Jum Fleur-de-Lys'. F'din l-istess gurnata ghandha jinghata 'Gieh Fleur-de-Lys' lil dawk li huma nnominati.

4.12 Is-Sur Antoine Attard issuggerixxa li jigi avvicinat il-kappillan biex jissuggerrixxi xi zghazagh svantaggjati fis-socjeta biex jiehdu sehem fit-tigrija li ghandha ssir.

4.13 Dwar it-trasport ghall-anzjani s-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami qal li ghalissa din ghandha tieqaf sakemm naraw kif se jithaddem it-trasport pubbliku l-gdid ghax hemm cans li dawn jistghu jigu moqdija b'dan is-servizz il gdid.

4.14 Is-Sur Antoine Attard ilmenta dwar decizjoni li kienet ittiehdet biex isiru zjarat ta' kortezija. Ghalkemm id-decizjoni ttiehded dawn qatt ma saru.

**5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.**

5.1 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li jixtieq jaghmel team tal-futbol ta' Fleur-de-Lys. Minn informazzjoni li ghandu L-MFA tghid li bilfors irid ikollok kunsill biex dan isehh, izda fil-kaz ta' Fleur-de-Lys dawn jistghu jinghaqdu mal-MAFA. Biex isir dan irid jinholoq statut.

5.2 Dwar il-magazine ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li wara l-kwotazzjoniet li gab il-laqgha ta qabel kellha tittiehed decizjoni minn ser jistampa l-fuljett. Il-membri ddecidew li dan ghandu jkun dak tas-'Seven Design'.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fis-7.30pm u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa

Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv